MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 148/2010

Abdel Hamid **ALYASSIN**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, l-Avukat Ġenerali, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u (b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrkin f'Settembru tal-2009, li ċaħdulu t-talba tiegħu biex jagħtuh iċ-ċittadinanza Maltija, ma tiswiex u hija mingħajr effett u dan għaliex, meta ressaq it-talba li

huwa għamlilhom f'April tal-1999, huwa kien jikkwalifika biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija skond il-liġi fis-seħħ dak iż-żmien. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ kull jedd ieħor tiegħu għal kull azzjoni oħra kontra l-istess imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2010, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-12 ta' Marzu, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew li (i) l-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma messhomx tħarrku f'din il-kawża għax m'humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi, u (ii) li l-istess imsemmija azzjoni safejn imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu12 waqgħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-istess Kapitolu, billi tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi u dan billi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija ttieħdet fl-2001 u mhux fl-2009, kif jallega l-attur, u (iii) li l-azzjoni, safejn imsejsa fuq l-artikolu 469A(1)(a) m'hijiex proponibbli u dan billi t-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza hija regolata bil-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux mill-Kostituzzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talba tal-attur m'hijiex mistħoqqa u ma jmisshiex tintlaqa';

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010[1], li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, tkun trattata t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin u tingħata deċiżjoni dwarha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 55 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li din il-Qorti tistħarreġ – għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – id-deċiżjoni tal-imħarrkin li ċaħdu t-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija. Huwa jgħid li, meta kien ressaq it-talba f'April tal-1999, il-liġi fis-seħħ kienet tagħtih li huwa jikseb iċ-ċittadinanza Maltija, ladarba hu kien miżżewweġ mara Maltija. Wara żmien twil jistenna, talab lill-awtoritajiet jgħidulu meta kienu se jiddeċiedu dwar it-talba tiegħu, iżda wara li naqsu li jweġbuh u bagħtilhom ittra uffiċjali, qalulu li t-talba tiegħu ma kenitx intlaqgħet. Huwa jgħid li dik id-deċiżjoni ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett għax tmur kontra l-Kostituzzjoni u, minbarra dan, hija *ultra vires*;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. Tlieta kienu l-eċċezzjonijiet ta' sura preliminari: (a) li l-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-atturi, (b) li, safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(b), waqgħet billi għalaq iż-żmien li fih setgħet titressaq u (ċ) f'kull każ, l-azzjoni attriċi safejn tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(a) ma setgħetx titressaq għaliex, fiż-żmien rilevanti għall-każ, kienet tgħodd il-Liġi dwar l-Immigrazzjoni u mhux il-Kostituzzjoni;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur twieled is-Sirja fl-1958. F'Marzu tal-1999, iżżewweġ mara

Maltija[2]. Tliet ġimgħat wara, fis-6 ta' April, ressaq talba biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija (Nru. 39/99)[3] u ħallas ukoll id-dritt mitlub. Fl-20 ta' April, 1999, irċieva talba mingħand l-Uffiċċjal Ewlieni dwar l-Immigrazzjoni[4] li talbitu jmur sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'xi dokumenti b'rabta mat-talba li huwa kien għamel. Ftit taż-żmien wara, ressaq talba oħra għaċ-ċittadinanza (Nru. 139/99). Aktar tard dik is-sena, l-attur kien ingħata *status* ta' persuna eżenti (Nru. 499/99) taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u nħarġitlu wkoll Karta tal-Identita' Maltija;

Illi b'ittra maħruġa fis-27 ta' Marzu, 2001[5], mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Immigrazzjoni, l-ewwel talba tal-attur ma ntlaqgħetx. L-ittra kellha l-indirizz tal-post li l-attur kien semma bħala d-dar fejn qed jgħix, iżda huwa qiegħed jgħid li dik l-ittra ma waslitlux. Kemm hu hekk, f'Mejju tal-2001, kien qabbad avukat biex jibgħat jistaqsi fejn kienet waslet l-applikazzjoni tiegħu[6]. Id-Direttur bagħat iwieġeb lill-avukat b'ittra tal-24 ta' Mejju, 2001, li fiha reġa' semmielu d-deċiżjoni meħuda f'Marzu tal-2001[7];

Illi, sadattant, miż-żwieġ tiegħu mal-mara Maltija, twieled tifel f'Mejju tal-2002[8]. Mart l-attur mietet f'Settembru tal-2002;

Illi f'Lulju tal-2006[9], intalab mill-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex imur sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'rabta mal-kwestjoni tat-tieni applikazzjoni li huwa kien ressaq dwar iċ-ċittadinanza tiegħu;

Illi l-atturi bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin f'Awissu tal-2009[10], jitlobhom biex jieħdu deċiżjoni dwar it-talbiet tiegħu għall-għoti ta' ċittadinanza Maltija fi żmien xahar. Fis-7 ta' Settembru, 2009[11], bagħtu jweġbuh b'ittra uffiċjali li t-talbiet tiegħu ma kinux mistħoqqa u biex ma jkomplix

[2] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[3] Dok "JM1", f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[5] Dok "JM", f'paġ. 31 tal-proċess
[6] Dok "JM2", f'paġ, 62 tal-proċess
[7] Dok "JM3", f'paġ. 63 tal-proċess
[8] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[9] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess
[10] Dok "E", f'paġ. 11 tal-proċess
[11] Dok "F", f'paġ. 15 tal-proċess

jagħmel spejjeż bla bżonn. L-attur fetaħ din il-kawża fis-17 ta' Frar tal-2010;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jridu tabilfors jintrabtu mal-għażla tal-attur li jressaq l-azzjoni tiegħu bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-imħarrkin jiċċaraw espressament li din l-eċċezzjoni tagħhom isostnuha safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(b). Dan huwa minnu u sewwa, għaliex il-liġi hija ċara ħafna li tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) jgħodd biss għal meta kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa' għamil amministrativ taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, l-attur jibni l-azzjoni tiegħu kemm fuq waħda u kemm fuq oħra;

Illi bl-imsemmija eċċezzjoni preliminari l-imħarrkin qegħdin jgħidu li l-attur naqas li jressaq il-kawża fi żmien sitt xhur minn mindu seta' jew messu mexxiha 'l quddiem, jiġifieri minn dak inhar li ttieħdet id-deċiżjoni li hu jilminta minnha;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[12]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għamil amministrativ issir taf b'dak l-għamil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[13]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda

[12] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)
[13] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għamil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "għamil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita' li tkun, u jekk kemm-il darba din l-awtorita' tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda dubju li ttieħdet deċiżjoni li ċaħdet it-talba tal-attur. Il-kwestjoni bejn il-partijiet – u li hija determinanti għas-soluzzjoni tal-eċċezzjoni taħt eżami – hija dwar meta tassew ittieħdet id-deċiżjoni. Filwaqt li għall-attur, id-deċiżjoni ttieħdet f'Settembru tal-2009, għall-imħarrkin id-deċiżjoni kienet ilha li ttieħdet sa minn Marzu tal-2001;

Illi l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa u ssib li huwa minnu li d-deċiżjoni dwar it-talba mressqa mill-attur li ħa d-Direttur imħarrek ittieħdet f'Marzu tal-2001. Fis-sewwa, l-attur ma jiċħadx li setgħet tassew ittieħdet dak iż-żmien, iżda jisħaq li hu ma ngħata l-ebda ħjiel dwarha u lanqas kien jaf li ttieħdet qabel ma sema' biha fil-mori ta' din il-kawża. Huwa jgħid li dejjem baqa' bil-fehma li l-awtoritajiet kienu għadhom qegħdin jaħsbuha fuq it-talba tiegħu, tant li fl-2009 qabbad avukat biex jinterpella lill-imħarrkin. Biex iseddaq il-fehma tiegħu, jirreferi għal talba li saritlu fl-2006 biex imur id-Depot tal-Pulizija ħalli jkellmuh dwar it-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza;

Illi l-Qorti ma tqisx il-verżjoni tal-attur bħala waħda li wieħed jista' joqgħod fuqha f'dan ir-rigward. Id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur f'Marzu tal-2001 intbagħtet fl-istess indirizz li l-attu innifsu kien ta bħala dak li fih kien qed jgħix. Huwa minnu li l-ittra ntbagħtet bil-posta ordinarja, iżda dan ma jfissirx minnu nnifsu li l-ittra ma twasslitx. F'kull każ, meta ftit ġimgħat wara l-attur kien qabbad avukat biex jistaqsi fejn kienet waslet it-talba tiegħu, id-

Direttur minnufih kiteb lill-imsemmi avukat (nutar pubbliku) u għarrfu biċ-ċaħda tat-talba tal-klijent tiegħu u semmielu d-data ta' meta kienet ittieħdet id-deċiżjoni. Wieħed jistenna li l-attur ikun mgħarraf minnufih b'dak li kien issemma fl-ittra mill-avukat li huwa nnifsu qabbad biex jaqdih. Sa dak iż-żmien, l-attur kien għadu fil-ħin biex iressaq l-azzjoni tiegħu biex iwaqqa' dik id-deċiżjoni. Il-Qorti tippreċiża li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(3), il-liġi titkellem "żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf";

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li ż-żmien li l-attur kellu biex jattakka l-imsemmija deċiżjoni b'azzjoni speċjali taħt l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 kien ilu li għalaq ħafna żmien qabel infetħet din il-kawża;

Illi meta jitqies dan kollu, l-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba u jmissha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-azzjoni attriċi, safejn mibnija fuq twaqqigħ tad-deċiżjoni amministrativa skond l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, ma tiswiex għaliex tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet;

**Tordna** għalhekk li s-smigħ tal-kawża jitkompla fuq il-merti tal-azzjoni safejn tinbena fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(a) tal-istess Kodiċi; u

**Tirriżerva** l-kwestjoni tal-ispejjeż dwar din id-deċiżjoni, għas-sentenza tal-aħħar.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------